MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2014

Numru. 811/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Giuseppe Vella**

**Kumpilazzjoni Nru: 811/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi **Giuseppe Vella** ta' 55 sena, bin Fortunato u Carmela nee' Falzon, imwield Naxxar fit-30 ta' Marzu, 1954 u residenti fil-fond 'Doris', Triq l-Oratorju, Naxxar u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 329254(M).

Akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Marzu 2009 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ikkorrompew ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil Emanuel sive Jesmond Abela li asserixxa jew ikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex iggieghel lil Emanuel sive Jesmond Abela jesercita dik l-influwenza;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Dismar Company Limited, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali;

Kif ukoll talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 12 ta' Gunju 2008 u 10 ta' Lulju 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 18, 42, 115 u 120(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 18, 120A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 18, 42, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. 18, 42, 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 77(4) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
6. 17, 18, 23B, 31, 42, 119, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti f’dan il-kaz jirrizulta mhux kontestat li l-imputat huwa direttur ta’ diversi socjetajiet kummercjali permezz ta’ liema jiggestixxi negozji varji. Wahda minn dawn is-socjetajiet hija Dismar Company Limited. Din il-kumpanija ma gietx kreata mill-imputat imma huwa xtara din il-kumpanija minghand terzi; permezz ta’ din il-kumpanija dawn it-terzi kienu jiggestixxu supermarket biswiet supermarket iehor gestit mill-imputat. L-imputat xtara l-kumpanija Dismar Co Ltd ghaqqad iz-zewg supermarkets biex jiffurmaw wiehed kbir, li huwa kien jiggestixxi b’l-isem Ta’ Natu Supermarket u dan permezz ta’ kumpanija ohra. L-imputat zamm is-socjeta Dismar Co Ltd pero minn meta xtraha l-imputat din il-kumpanija qatt m’ghamlet negozju hlif ghal transazzjoni wahda meta thallset xi kera minghand kumpanija ohra ta’ l-imputat.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament ukoll li d-denunzji ta’ Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) tas-socjeta Dismar Co Ltd ghall-perjodi ta’ taxxa li bdew mill-1 ta’ Frar 2003 sal-31 ta’ Ottubru 2008 gew prezentati tardivament; ghandu jigi rilevat li d-denunzji kollha kienu *nill returns*, hlif ghal denunzja wahda meta kien sar dak il-hlas ta’ kera; din kienet id-denunzja ghall-perjodu ta’ taxxa mill-1 ta’ Frar

2006 sat-30 ta' April 2006. Mill-kopja esebieta[1] jidher li din id-denunzja mhux biss giet prezentata tardivament imma anke minghajr hlas tat-taxxa dovuta li kienet tammonta ghal €6540.88 (ekwivalenti ghal Lm2808). Ghandu jigi rilevat li minbarra dan l-ammont is-socjeta Dismar Co Ltd kellha taghti ammonti ohra lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (id-Dipartiment) rapprezentanti imghaxx fuq dik it-taxxa dovuta u penali minhabba li d-denunzji kollha kienu gew prezentati tardivament.

Illi f'l-4 ta' Marzu 2009 giet prezentata (fid-Dipartiment) id-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009; din id-denunzja kienet turi diversi transazzjonijiet bhala rizultat ta' liema kien hemm kreditu ta' taxxa favur is-socjeta Dismar Co Ltd f'l-ammont ta' €11,721.45. Mhux kontestat li l-figuri li kienu jidhru fuq din id-denunzja kienu kollha fittizji stante li f'dan il-perjodu ukoll is-socjeta Dismar Co Ltd m' ghamlet l-ebda negozju, ghalhekk id-denunzja kellha tkun *nill return.* Gara pero li dan il-kreditu fitizzju intuza biex ipaci l-ammonti (ta' taxxa, imghaxx u penali) dovuta lid-Dipartiment. Meta saret din it-"tpacija" kien gie jidher li ghad baqa bilanc favur id-Dipartiment ta' €1,155.21; l-imputat hallas dan l-ammont permezz ta' cheque datat 12 ta' Marzu 2009.

Illi meta l-pulizija kienu qed jinvestigaw l-allegazzjonijiet ta' frodi sistematika fi hdan id-Dipartiment gew a konoxxenza ta' dan il-kaz li gie investigat ukoll, u nbdew il-proceduri odjerni kontra l-imputat bazati fuq dik id-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009. Il-prosekuzzjoni fil-fatt qed tallega li l-imputat hallas elf Euro (€1,000) lil certu Jesmond Abela (li gie introdott lilu minn certu Carmel Sammut maghruf bhala il-Hajta) biex dan Abela jirrangalu ma' xi hadd fid-Dipartiment biex l-ammonti dovuta minn Dismar Co Ltd jthassru.

Ikkunisdrat

[1] Ref denunzja a fol 15 tad-Dokument AG10 (file ahmar esebiet in atti).

Illi a skans ta’ ekwivoci l-Qorti thoss li f’dan l-istadju ghandha tissottolinea, kif diga ghamlet f’kazijiet simili, li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f’dan il-process. Dak li jista’ jirrizulta f’proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta’l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma’ dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikkunsidrat

Illi in sostenn ta’ l-allegazzjonijiet fil-konfront ta’l-imputat il-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda: xehed l-Ispettur Angelo Gafa (li inizjalment kien inkarigat bil-prosekuzjoni ta’ dan il-kaz) biex jispjega kif gie a konjizzjoni taghhom dan il-kaz u x’investigazzjoni saret; xehedu xi ufficjali tal-pulizija ohra li ukoll kienu involuti f’l-investigazzjoni, u ufficjali tad-Dipartiment; tressqu ukoll xi perusni ohra li setghu jaghtu informazzjoni dwar il-kaz.

Illi wiehed mix-xhieda kien Carmel Sammut (maghruf bhala it-Toxakk) fil-konfront ta’ min ittiehdu proceduri penali b’rabta ma’ sehemu fil-kaz aktar wiesgha ta’ frodi fid-Dipartiment; huwa kien ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Hu qal li huwa lill-imputat kien ilu jafu ghal aktar minn ghoxrin sena. Kien hemm okkazzjoni meta l-imputat qallu kemm kien inkwietat tant li kien qed jahseb biex jaghlaq is-supermarket u dan minhabba l-ammonti li kellu jaghti lid-Dipartiment. Sammut qallu biex ma jaghmel xejn minn dan ghax seta’ jlaqqghu ma xi hadd li da parti tieghu jkun jista’ jirrangalu biex ihallas l-ammonti dovuta ratealment; din il-persuna kienet Jesmond Abela maghruf bhala il-Hajta. Sammut kien insistenti hafna li huwa laqqa’ lill-imputat ma’ Abela biex isir arrangament ghal hlas rateali u li meta huwa ha lil Abela ghand l-imputat huwa kemm introducihom u wara telaq ‘l hemm u hallihom jitkellmu wahedhom.

Illi Jesmond Abela[2] ukoll tresaaq bhala xhud; huwa kkonferma mill-ewwel li kien it-Toxakk li laqqghu ma' l-imputat u li dan sar biex jirrangalu xi haga konnessa mal-VAT. Ghal bidu kien reticenti biex jaghti aktar dettalji pero eventwalment jammetti li l-imputat ried li jaghlaq in-numru tal-VAT u li jekk jista' jkun ma jhallasx xi multi. Abela da parti tieghu kellem lil certu Nigel Abela li inizjalment talbu n-numru tal-VAT in kwstjoni; Jesmond Abela gablu dan in-numru. Wara Nigel Abela qal lil Jesmond li l-ammont dovut mill-imputat kien ferm ghola minn dak li kien qed jahseb l-imputat, pero huwa kien dispost li jahfirhomlu jekk ihallas elf Euro (€1,000); Jesmond Abela qal lill-imputat u dan accetta. Eventwalment kien hemm okkazzjoni meta Jesmond Abela mar l-Ingilerra (dan kien ghall-habta tat-8 ta' Marzu 2009), meta rritorna Malta cempel lil Nigel Abela u dan qallu li kien irrangalu lill-imputat u biex jghidlu jhallas l-elf Euro. Jesmond Abela kompla jispjega li hu gabar l-elf Euro minghand l-imputat mar jiltaqa' ma' Nigel u qasmu l-elf Euro bejnithom; Nigel tah xi karti li hu kien ta lill-imputat.

Illi tressaq ukoll bhala xhud certu Frederick Camilleri li kien accountant impjegat ma'l-imputat. Dan spjega li huwa kien jiehu hsieb l-accounts tal-kumpaniji ta' l-imputat u li kien anke jiehu hsieb jimla d-denunzji tal-VAT; huwa qal ukoll li peress li s-socjeta Dismar Co Ltd ma kenitx topera hu ma kien jaghmel xejn b'referenza ghal din il-kumpanija imma kien ihalli f'idejn l-awditur meta jigi darba fis-sena. Camilleri spjega ukoll li hu lil Carmel Sammut (it-Toxakk) kien jafu bhala persuna li kien jixtri minghand is-supermarket ta'l-imputat. Dwar Jesmond Abela (il-Hajta) jghid li hu ma kienx jaf x'jismu pero kien rah xi darbtejn ghax kien gie l-ufficcju ta'l-imputat. Camilleri kompla jispjega li hu ma kienx prezenti ghad-diskussjonijiet bejn l-imputat u Jesmond Abela pero f'wahda minn dawn l-okkazjonijiet meta Jesmond Abela kien qieghed f'l-ufficju ta'l-imputat, l-imputat talab lil Camilleri biex inizzillu l-files "*ta'l-accounts u hekk*" ta' Dismar Co Ltd; l-imputat kien anke talbu jaghmel photocopy ta'dik l-unika denunzja tal-VAT ta' din il-kumpanija li kienet tindika pagament dovut lid-Dipartiment.

---

[2] Fil-konfront ta' Abela ittiehdu proceduri ukoll; hu kien ammetta l-iimputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi kif diga ntqal l-imputat mhux biss irrilaxxja zewg stqarrijiet imma anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi fid-depozizzjoni tieghu ikkonferma u elabora fuq dak li qal f'l-istqarrija. In succint l-imputat jammetti li huwa kellu problemi tal-VAT fir-rigward tal-kumpanija Dismar Co Ltd fis-sens li kien hemm ammonti dovuta lid-Dipartiment; jammetti li huwa kien tkellem dwar dawn il-problemi ma' Carmel Sammut (it-Toxakk) li kien laqqghu ma' Jesmond Abela. L-imputat jinsisti li d-diskors ma'Jesmond Abela kien biss fuq imghaxx u penali.

Illi f'l-istqarrija tieghu l-imputat jghid li ltaqa' ma' Jesmond Abela, li qallu li seta' jwaqqalu t-taxxa u l-multi; talbu n-numru tal-VAT u iccekjalu. L-imputat kompla jispjega li hu kien minghalih li kellu jghati xi sitt elef Euro pero wara li Abela iccekkja qallu li kellu jaghti xi tnax il-elf Euro. Xi zmien wara Jesmond Abela cempillu u qallu li kien irrangalu u waqqaghlu kollox pero kien ghad baqaghlu jaghti xi ftit aktar minn elf Euro u l-imputat hallas dan l-ammont. L-imputat qal ukoll li Abela kien gablu kopja tad-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa li jidba mill-1ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009 pero jghid li hu qabda u twiha u qeghda fil-but bla ma qaghad jara x'kien fiha. L-imputat jinnega li hu kien ta, jew wieghed li ser jaghti, xi flus lil Jesmond Abela.

Illi waqt id-depozizzjoni tieghu l-imputat qal lil meta kien qed ikellem lil Carmel Sammut dwar il-problemi tal-VAT u dan semmieghlu lil Jesmond Abela r-reazzjoni tieghu kienet "*kieku jirrangali biex inwaqqa l-multi u interessi allura nhallas*" ghax fil-fehma tieghu "*jekk meta ma thallasx il-pure tax jitilghu hafna multi u interessi. Meta tmur id-dipartiment jghidulek alright ara kif ser thallashom. Jghamlulek pagament fix-xahar u thallashom u jaqtghulek hafna multi u interessi*"[3]. Baqa jinsisti li dak li talab lil Abela kien li jnehhielu l-multi u l-interessi: "*jien il-multi u l-interessi jnehhili u nhallas it-taxxa li hija dovuta,*

[3] Ref depozizzjoni a fol 915 tal-process.

*qatt ma pruvajt inehhi t-taxxa jiena ... l-multi nehhejthom kemm qabel u anke meta konna fil-kawza ... f'kazijiet ohra*[4]". L-imputat kompla jispjega li hu ltaqa darbtejn ma' Abela, meta laqqghu mieghu Sammut u meta gablu l-karti; qal li kien hemm xi okkazzjoni ohra meta cempillu qallu li kien irrangalu u biex imur ihallas dak li kien baqa'. L-imputat jghid ukoll li ma kienx jaf kemm kien l-ammont li nhafirlu u kien biss waqt din il-kawza li huwa sar jaf x'kien l-ammont ezatt.

Illi l-imputat kompla jispjega li meta Abela qallu l-ammont li kien ghad baqalu jhallas huwa hallas dan l-ammont permezz ta' cheque pero gara li bi zball id-Dipartiment pogga dak il-hlas akkont ta' ammonti dovuta minn kumpanija ohra ta'l-imputat. Meta l-imputat irceva l-ircevuta rrealizza x'kien gara ghalhekk mar id-Dipartiment u ghamel pagament ta'l-ammont dovut fi flus kontanti. L-imputat baqa jinsisti tul id-depozizzjoni tieghu li huwa qatt ma ta, jew wieghed li ser jaghti xi flus, lil Jesmond Abela u li dak li huwa kien ftiehem dwaru kien it-tnaqqis ta' imghaxx u multi biss. L-imputat insista hafna ukoll li huwa disorgannizat f'l-affarijiet tieghu u anke esebixxa xi dokumenti biex jipprova jissostanzja din l-allegazzjoni. Hu qal ukoll li fil-mori tal-proceduri ssalda kull ammont pretiz mid-Dipartiment in konnessjoni mas-socjeta Dismar Co Ltd[5].

Ikkunnsidrat

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandhom isiru xi osservazzjonijiet dwar dak li qalu x-xhieda li d-depozizzjoni taghhom hi hawn fuq sintetizzata u l-kredibilita taghhom. Qabel dan pero l-Qorti hija tal-fehma ukoll li ghandha taghmel referenza ampja ghal dokument esebiet mill-prosekuzzjoni, u cioe l-file li gie sekwestrat mill-ufficju ta'l-imputat, u li huwa esebiet bhala Dok AG10[6].

[4] Ref depozizzjoni a fol 916 tal-process.
[5] Dan il-fatt gie konfermat mir-rapprezentant tad-Dipartiment, Paul Scicluna waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2011.
[6] A fol 123 tal-process.

Illi f'dan il-file hemm migbura f'ordni kronologiku l-kopja s-safra tad-denunzji tal-VAT tas-socjeta Dismar Co Ltd li ntbaghtu minn zmien ghal zmien mill-imputat (pagni 11 sa 34[7]); dawn jibdew minn dik id-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Frar 2003 sat-30 ta' April 2003 (pagna 34) sa dik id-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Ottubru 2008 (pagna 11).

Illi l-ewwel erbgha pagni tal-file huma:

- Kopja safra tad-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 tal-Jannar 2009 li hija kompilata bhala *nill return* (pagna 1).
- Notamenti miktuba in handwriting a tergo ta' fotokopja tad-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Frar 2006 sat-30 ta' April 2006, cioe l-unika perjodu ta' taxxa li fih s-socjeta Dismar Co Ltd ghamlet xi transazzjonijiet u kien hemm taxxa dovuta lid-Dipaartiment.
- Dik li tidher li hija printout mis-sistema tal-computer tad-Dipartiment li taghti rendikont, ghal dak li jirrigwarda VAT, tas-socjeta Dismar Co Ltd; fiha jidher li hemm bilanc dovut favur id-Dipartiment ta' €1,155.21u hdejn din il-figura hemm notament "*paid by cheque 073499 Ta' Natu 12/03/2009*" (pagna 3). Il-parti t'isfel ta' dan id-dokument hija maqtugha; f'dik il-parti normalment ikun hemm d-dettalji ta' min ipprintjah, kif ukoll id-data u l-hin meta gie printjat[8].
- Kopja tac-cheque li hemm referenza ghalih fid-dokument precedenti[9] (pagna 4).

Illi wara ezami tal-provi prodotti huwa car x'inhuma n-notamenti li jidhru fil-pagna tnejn fuq imsemmija. Il-parti ta' fuq tindika t-taxxa (pure tax) dovuta mis-socjeta Dismar Co Ltd[10], il-pagamenti li kienu saru akkont, u l-bilanc ta' taxxa konsegwentement dovut. Fil-parti t'isfel hemm rendikont aktar dettaljat u li juri mhux biss it-taxxa dovuta imma anke l-penali u l-imghaxx; jidher li dawn in-notamenti nkitbu jew fit-12 ta' Marzu 2009 jew xi ftit wara ghaliex jiehdu in konsiderazzjoni zewg pagamenti li saru fit-12 ta' Marzu 2009: wiehed

[7] Kull pagna tal-file giet iffirmata u numerata qabel ma gie issekwestrat.

[8] Dokument similil mahrug minn rapprezentant tad-Dipartiment (Joanne Hafney) hu esebiet a fol 5 u fil-parti tieghu t'isfel jidhri ddawn id-dettalji.

[9] Bank image ta' dan ic-cheque hija esebieta in atti bhala Dok GV2 a fol 954.

[10] Taxxa dovuta ghall-perjodu 01.02.2006 sa' 30.04.206.

ta' €340 (cash payment) u l-iehor ta' €1,155.21 li sar permezz ta' cheque. Dan it-tieni rendikont jindika ammont dovut lid-Dipartiment ta' €11,181. 45. Ta' min wiehed jinnota li l-handwriting f'dan id-dokument huwa simili hafna ghall-handwriting tan-notament fil-pagna 3.

Illi l-ahhar zewg pagni f'dan il-file (pagna 161 u 162) huma zewg fotokopji tad-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa li jibda mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009, cioe l-istess denunzja li kopja safra taghha hija l-ewwel pagna, pero il-kopja li tidher f'dawn l-ahhar zewg pagni hija kompilata b'mod li turi kreditu favur is-socjeta Dismar Co Ltd f'l-ammont ta' €11,721.45. Dawn fil-fatt huma fotokopja tad-denunzja kif giet prezentata lid-Dipartiment cioe kopja tal-verzjoni tad-denunzja esebieta bhala Dok AG4[11].

Illi jidher li kemm d-denunzja li hemm f'pagna numru wiehed ta' dan il-file, kif ukoll il-verzjoni l-ohra tad-denunzja li hija esebieta bhala Dok AG4 u li fotokopji taghha huma f'l-ahhar zewg pagni ta' dak il-file, gew redatti mill-istess persuna.

Ikkunisdrat

Illi kif diga ntqal huwa opportun ukol li jsiru xi osservazzjonijiet dwar dak li qalu x-xhieda u l-kredibilita taghhom.

Illi kien evidenti li Frederick Camilleri kien qed ihossu skomdu jixhed ghaliex fiz-zmien in ezami huwa kien impjegat ma'l-imputat. Minkejja dan u minkejja ftit riluttanza f'l-istadju inizjali tad-depozizzjoni tieghu l-Qorti hija konvinta li huwa qal il-verita u li tista' taghti affidabilita li dak li qal. Hu jikkonferma li Jesmond Abela mar xi darbtejn ghand l-imputat u li darba minnhom kien hemm ragel iehor mieghu. Jghid ukoll f'wahda mill-okkazjonijiet meta kien hemm Jesmond Abela l-imputat talbu jnizzel il-file ta' Dismar u anke biex jaghmel fotokopja

[11] Esebieta a fol 34 tal-process.

tad-denunzja ghall-perjodu ta’ taxxa mill-1 ta’ Frar 2006 sat-30 ta’ April 2006 cioe dik id-denunzja ghall-uniku perjodu meta kien hemm taxxa dovuta. Hawn ghandu jigi rilevat li pagna tnejn tal-file fuq imsemmi u li fiha hemm diversi notamenti hija fotokopja ta’din l-istess denunzja.

Illi Carmel Sammut xehed b’certu disponibilita pero kien evidenti li huwa gie biex jghid haga wahda u cioe li hu laqqa’ lill-imputat ma’ Jesmond Abela biex Abela jaghmel arrangamenti biex l-imputat ihallas dak minnu dovut ratealment. Fil-fehma tal-Qorti (u mis-sottomissjonijiet ta’l-Avukat difensur jidher li din il-fehma hija kondiviza anke mid-difiza) dan Carmel Sammut assolutament mhux kredibbli u l-Qorti ma tista’ taghti l-ebda affidabilita lil dak li jghid.

Illi hemm mbaghad Jesmond Abela; dan ix-xhud ukoll beda d-depozizzjoni tieghu b’certu riluttanza pero wasal biex ikkonferma dak li kien qal fi stadju ta’ investigazzjoni lill-pulizija. Huwa fil-fatt ikkonferma li kien Carmel Sammut li laqqghu ma’l-imputat, li l-imputat kien minghalih li kellu jaghti xi sitt elef Euro lid-Dipartiment u li l-ammont propjament dovut kien ta’ madwar tnax il-elf Euro. In kontroezami huwa qal li l-intenzjoni sia ta’ Carmel Sammut (it-Toxakk) u sia ta’l-imputat kienet li l-imputat ma jhallas xejn u qal ukoll li l-imputat kien kellmu mhux biss fuq il-multi u l-imghaxx imma anke fuq it-taxxa tant li darba qallu li jekk ma jhallas xejn ahjar. Abela baqa jinsisti li huwa kien avzah lill-imputat li biex jirrangawlu ried ihallas elf Euro u li fil-fatt dik l-elf Euro thallsu mill-imputat. Fir-rigward ta’ Jesmond Abela u kemm hu kredibbli ghandu jigi rilevat li esebieta in atti hemm l-istqarrija tieghu; din giet esebieta[12] fuq talba tad-difiza ai fini ta’ kontroll fuq dak li qal Abela bhala xhud fil-proceduri odjerni. Minn dan l-ezercizju ta’ kontroll jidher car li Jesmond Abela, ghal dak li jirrigwarda l-imputat qal ezattament l-istess affarijiet kemm f’l-istqarrija kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu.

[12] Flimkien ma’l-atti kollha tal-proceduri fil-konfront ta’ dan Jesmond Abela.

Illi min-naha l-ohra hemm l-imputat u dak li jghid sia f'l-istqarrijiet tieghu u sia waqt id-depozizzjoni. Ghandu jigi rilevat li fid-depozizzjoni tieghu l-imputat ukoll (bhal Jesmond Abela) jikkonferma dak li qal f'l-istqarrija tieghu bid-differenza li waqt id-depozzizzjoni tieghu ta hafna aktar dettal. Pero dak li jghid l-imputat iqanqal hafna mistoqsijiet u johloq hafna dubbji. Per ezempju:

- L-imputat kellu hafna impjegati, fosthom accountant, li kienu jiehdu hsieb il-kontabilita tal-kumpaniji tieghu; jidher li hu kien ihalli kollox f'idejhom u kien jafdahom tant li kien ihallihom ic-cheque book bic-cheques kollha iffirmati in bjank. Jidher ukoll li d-denunzji kollha tas-socjeta Dismar Co Ltd minn meta xtraha l-imputat gew redatti kollha mill-istess persuna; pero ghal xi raguni mhux spjegata jidher ghal dik l-unika denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009 kien gie inkarigat xi hadd iehor biex jippreparha u ma setghax (kif ghamel dejjem) ihalli f'idejn l-impjegati tieghu.
- L-imputat jghid li l-verzjoni tad-denunzja in ezami li giet prezentata lid-dipartiment (dik esebieta bhala Dok AG4) raha l-ewwel darba fid-depot tal-pulizija meta kien qed jigi interrogat; pero fil-file l-ahmar li gie sekwestrat mill-ufficju tieghu kien hemm adirittura zewg kopji ta' dik il-verzjoni tad-denunzja. Mistoqsi kif spiccaw hemm dawk il-kopji jghid li ma jafx.
- L-imputat jghid li huwa ma kienx jaf kemm inhafrulu f'multi u imghaxx wara l-intervent ta' Jesmond Abela u baqa jinsisti li kien biss fil-mori tal-proceduri li huwa sar jaf. Pero fil-file l-ahmar hemm it-tieni pagna li fiha rendikont ta' x'kienu l-ammonti dovuta u x'kien thallas; dan ir-rendikont kien sar jew fit-12 ta' Marzu 2009 jew ftit wara (meta Jesmond Abela kien hadlu l-karti, qallu li kienu irrangawlu u li kemm ghad baqalu jhallas biss xi elf Euro). Dan ir-rendikont (anke jekk mhux korrett mija fil-mija) jindika li kienu inhafru €11,181.45 ghalhekk l-imputat bil-fors kien jaf.
- L-imputat ghamel hafna emfazi fuq il-fatt li meta Jesmond Abela tah il-kopja s-safra tad-denunzja (pagna numru 1 tal-file) huwa ma qaghdx jara x'kien fiha imma kemm twiha u qeghda fil-but u wara xi zmien[13] qeghda fid-desk tray fejn ihalli l-karti kollha biex l-impjegati tieghu jiehdu hsieb idahhluha fil-file relattiv. Huwa interessanti li pagna numru 3 tal-file hija mitwija b'l-istess mod bhal dik id-denunzja u ghalhekk il-konkluzjoni logika hi li dik inghatat lill-imputat flimkien mad-denunzja; fiha ukoll hemm indikat (din id-darba ic-cifra hija ezatta) ta' kemm kien hemm penali u imghaxxijiet. Dan id-dokument (irrispettivament kif wasal ghandu) zgur gie a konjizzjoni ta'l-imputat ghaliex kien minnu li sar jaf ic-cifra li kellu jhallas lid-Dipartiment

[13] Hu jghid jista' jkun l-ghada u anke xi granet wara.

wara l-intervent ta' Jesmond Abela, u kien fuqu li hemm in-notament ta' kif thallas l-ammont dovut. Din hija prova ohra li l-imputat kien jaf kemm kienu inhafru multi u imghaxx.

- Mid-depozizzjoni tieghu johrog car li l-imputat kien jaf ezattament kif kien jimxi d-Dipartiment u li qabel ma tigi kunsidrata kwalunkwe talba ghal xi tnaqqis ta' multi u imghaxx trid tithallas it-taxxa f'l-intier taghha. Huwa kien jaf ukoll li kellu taxxa pendenti fis-somma ta' €6,540.88 minbarra l-multi u imghaxx pero minkejja dan ma ra xejn stramb li d-dipartiment kien ser jikkontenta bis-somma ta' €1,155.21.

Dan kollu jimmina l-kredibilita ta'l-imputat.

Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti l-Qorti hija tal-fehma ghandha taghti kredibilita lil Jesmond Abela f'l-asserzjoni tieghu li l-imputat talab li jinhafru mhux biss il-multi u l-imghaxx imma anke jekk jista' jkun it-taxxa, u li l-imputat kien accetta li jhallas, kif fil-fatt hallas, is-somma ta' elf Euro biex jithassru dawn l-ammonti.

Ikunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b' komplicita f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat, u ai termini ta'l-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iridu jigu pruvati erba' elementi bazici:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;
2. li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[14].

[14] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

Illi l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li s-somma ta' €1,000 li l-imputat hallas lil Jesmond Abela kellha tintuza biex jigi korrott ufficjal pubbliku b'mod li jithassru l-bilanci dovuta mis-socjeta Dismar Co Ltd lid-Dipartiment. Il-provi in sostenn ta' din l-imputazzjoni huma dawk fuq riassunti.

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta li Jesmond Abela qasam dawk l-elf Euro ma' certu Nigel Abela li ghamel l-arrangamenti fid-Dipartiment, pero ma ngiebet l-ebda prova li dan Nigel Abela huwa ufficjal pubbliku. Konsegwentment ma jistax jinghad li gew pruvati l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat predispost f'l-artikolu 115 u / jew l-artikolu 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsdrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi adebbietat bir-reat predispost f'l-artikolu 121A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif stabbilit f'gurisprudenza:

> *Minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija f'l-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwixxi kif jiddeciedi C, sija jekk dan il-vantagg ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor prezumibbilment D.*

*Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fissubartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C.*

*Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*

*Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi f'l-artitolu 121A(2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu.*[15]

Illi ghalhekk fil-kaz in ezami dak li kellu jigi ppruvat huwa li l-imputat, A, wieghed, ta jew offra xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, B, biex din tinfluwixxi l-mod kif ser jiddeciedi C. Ai termini tad-dispozizzjoni in ezami C irid ikun jew ufficjal jew impjegat pubbliku jew xi persuna ohra imsemmija f'l-artikoli 112 sa' 120 tal-Kapitolu 9.

Illi l-prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputat hallas flus lil Jesmond Abela biex dan jezercita influwenza fuq Nigel Abela. Pero biex ikunu sodisfatti l-elementi kollha ta'dan ir-reat irid jigi pruvat mhux biss li ghaddew il-flus imma kellu jigi

[15] Ref Republika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo Qorti Kriminali deciza 13.06.2006

pruvat ukoll li Nigel Abela huwa ufficjal pubbliku; kif diga ntqal f'dan il-process din il-prova ma ngibitx.

Illi ghalhekk anke din it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> *Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*
>
> *La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
>
> a) *un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
> b) *la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*

c) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[16]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[17]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[18].

[16] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[17] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.
[18] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[19]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[20]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[21].

Illi fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li permezz ta' dik id-denunzja ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta'

---
[19] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[20] Op cit pagna 356
[21] Op cit pagna 357

Jannar 2009 l-imputat kien qed jikkrea kreditu immaginarju ta' €11,721.45 li permezz tieghu ghamel qliegh a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi jirrizulta ampjament li l-figuri li kienu jidhru fid-denunzja prezentata lid-Dipartiment ma kienux reali ghaliex ma kellu jirizulta l-ebda kreditu.

Illi aktar minn hekk inhass il-bzonn li jigu redatti zewg verzjonijiet ta' dik l-unika denunzja; wahda intiza ghad-Dipartiment biex jigi assigurat it-tnaqqis drastiku f'l-ammonti dovuta minn Disamr, u l-ohra intiza biex tinzamm mill-imputat biex ma jitqajjmux suspetti fost l-imjegati tieghu (partikolarment l-accountant u l-awditur) meta jkunu qed jaghmlu l-verifiki taghhom.

Illi jirrizulta ukoll li ghal xi zmien wara l-intervent ta' Jesmond Abela fir-records tad-Dipartiment kien qed jidher li l-ammont dovut mis-socjeta Dismar Co Ltd kien ta' €1,155.21, meta fil-fatt kellu jkun ta' €12,876.66 li minnhom €6,540.88 kienu pure tax. In oltre meta l-imputat mbaghad hallas dawk il-€1,155.21 kien qed jidher li humakellu jghti xejn lid-Dipartiment.

Illi mill-provi propdotti jirrizulta ampjament li d-denunzja li kienet qed turi kredit ta' €11,721.45 gie redatta minn terza persuna wara l-intervent ta' Jesmond Abela u dan fuq inkarigu ta'l-imputat. Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax minn kienet il-persuna li effettivament hadet hsieb biex fil-kont tas-socjeta Dismar Co Ltd mad-Dipartiment mhux biss jittiehed in konsiderazzjoni l-kreditu immaginarju fuq imsemmi imma jigu manipolati r-records b'mod li jidher li id-debitu ta'Dismar Co Ltd kien ta' €1155.21 meta fil-fatt kien ta' €12,876.66. Pero ghalkemm il-persuna li effettivament ghamlet dan ma jirrizultax min hi, jirrizulta ampjament li dan gara u dan jikkostitwixxi qliegh favur l-imputat a dannu tad-Dipartiment.

Illi ghalkemm ma jistax jinghad li mill-provi prodotti jirrizultax minn kien l-awtur ta' dan il-agir pero kif diga ntqal aktar 'l fuq din il-Qorti hija konvinta li permezz tal-ftehiem li kellu ma' Jesmond Abela (u li ghalih hallas is-somma ta' €1,000) l-imputat kien jaf li ser isir xi haga biex jnqata id-dejn li huwa kellu mad-Dipartiment minghajr ma jhallas l-ammont li kien fil-fatt dovut.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija sodisfatta li din it-tielet imputazzjoni hija pruvata.

Ikkunsidrat

Illi r-raba u l-hames imputazzjoni migjuba kontra l-imputat jirreferu ghal komplicita fir-reat ta' falsifikazzjoni predispost f'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'l-artikolu 77 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Ligi jikkomtemplaw 'l hekk imsejjah falz ideologiku.

> *Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[22]

[22] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

Illi mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li d-denunzja prezentata ghal perjodu mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Janar 2009 taghti informazzjoni falza fis-sens li *non e veridico perche colui che lo ho formato gli fi dire cose contrario al vero*. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li dan id-dokument kien mahsub ghal xi awtorita pubblika, id-Dipartiment tal-VAT, u lanqas hemm dubbju li permezz tad-denunzja in ezami l-imputat kiseb vantagg ghalih.

Illi dwar l-element tax-xjenza, l-imputat isostni li d-denunzja esebita bhala Dok AG4 hu raha ghall-ewwel darba waqt li kien qed jigi interrogat. Kif diga ntqal l-imputat mhux kredibbli f'din l-asserzjoni ghaliex fil-file li gie sekwestrat mill-ufficcju tieghu kien hemm adirittura zewg fotokopji ta' din id-denunzja.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew sodisfacjentment pruvati.

Ikkunisdrat

Illi ai termini tac-citazzjoni l-imputat gie addebietata ukoll bir-recidiva, pero fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet mhumiex kwotati. Konsegwentement il-Qorti necessarjament ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ahhar imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet diversi fatti in konsiderazzjoni. Bla dubbju ta' xejn l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; bla dubbju reati gravi.

Illi l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni fatturi ohra. Bla dubbju dak li ghamel l-imputat huwa zballjat u nkwadra ruhu f'cirkostanzi ferm akbar li hallew impatt negattiv hafna fuq is-socjeta in generali. L-imputat pero jidher li gharaf dan u ra kif ghamel biex ghamel tajjeb ghal ghemilu b'mod li llum huwa ssalda l-kontijiet tieghu mad-Dipartiment; dan huwa ghamlu b'detriment kbir ghan-negozju tieghu, li kellu jinbiegh.

Illi dwar il-piena applikabbli ghal kaz in ezami tenut kont li huwa qed jinstab hati ta' reat kontemplat fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ma tistax tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446[23] (b'mod li taghti probation jew liberta kondizzjonata) u lanqas tista' tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9. Dan ifisser li l-unika piena li tista' taghti din l-Qorti hija wahda ta' prigunerija li fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tkun wahda effettiva pero tenut kont li l-imputat issa issalda kull ammont dovut lid-Dipartiment minghand is-socjeta Dismar Co Ltd ghandha tinghata fil-minimu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ahhar imputazzjoni dwar recidiva, wara li rat l-artikolu 18, 42, 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ukoll biex fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €1350.33 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

---

[23] Ref artikolu 83(4) ta'l-istess Kapitolu 406.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------